*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,917, 7 ta' Marzu, 2000*
*Taqsima C*

# Nru. 62

7. 3. 2000

# MALTA

KAMRA TAD-DEPUTATI

ABBOZZ ta' Liġi mressaq mill-Onorevoli Joe Borg, M.P., Ministru għall-Affarijiet Barranin, u moqri għall-Ewwel darba fis-Seduta tat-28 ta' Frar, 2000.

**ATT biex jemenda l-Att dwar l-Immunitajiet u l-Privileġġi Diplomatiċi, Kap. 191.**

RICHARD J. CAUCHI
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

HOUSE OF REPRESENTATIVES

A BILL introduced by the Honourable Joe Borg, M.P., Minister of Foreign Affairs, and read the First time at the Sitting of the 28th February, 2000.

**AN ACT to amend the Diplomatic Immunities and Privileges Act, Cap. 191.**

RICHARD J. CAUCHI
*Clerk of the House of Representatives*

# ABBOZZ TA' LIĠI
## msejjaħ

*ATT biex jemenda l-Att dwar l-Immunitajiet u l-Privileġġi Diplomatiċi, Kap. 191.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej: —

**1.** Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-2000 li jemenda l-Att dwar l-Immunitajiet u l-Privileġġi Diplomatiċi, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att dwar l-Immunitajiet u l-Privileġġi Diplomatiċi, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali". Titolu fil-qosor. Kap. 191

**2.** Minflok is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 5 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej: Emenda ta' l-artikolu 5 ta' l- Att prinċipali.

"(1) Din it-Taqsima għandha tapplika:

(a) għal kull organizzazzjoni li l-Ministru jista' b'ordni jiddikjara li tkun organizzazzjoni li tagħha Malta jew il-Gvern tagħha u xi Stat wieħed ieħor jew Stati aktar oħrajn jew il-gvern jew il-gvernijiet tagħhom jistgħu ikunu membri; u

(b) għal kull organizzazzjoni li l-Ministru jista' b'ordni jiddikjara li tkun organizzazzjoni li magħha Malta jew il-Gvern tagħha jkun stabbilixxa relazzjoni kontrattwali.".

---

## Għanijiet u Raġunijiet

L-għan ta' dan l-Abbozz hu sabiex jipprovdi dwar l-għoti ta' ċerti privileġġi u immunitajiet lil organizzazzjonijiet internazzjonali li tagħhom Malta mhix membru iżda li magħhom Malta stabbiliet jew dalwaqt tistabbilixxi relazzjoni kontrattwali.

**A BILL**

**entitled**

*AN ACT to amend the Diplomatic Immunities and Privileges Act, Cap. 191.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same, as follows:—

**1.** This Act may be cited as the Diplomatic Immunities and Privileges (Amendment) Act, 2000 and shall be read and construed as one with the Diplomatic Immunities and Privileges Act, hereinafter referred to as "the principal Act". Short title. Cap. 191

**2.** For subsection (1) of section 5 of the principal Act there shall be substituted the following: Amendment of section 5 of the principal Act.

"(1) This Part shall apply:

(a) to any organization which the Minister may by order declare to be an organization of which Malta or the Government thereof and one or more other States or the government or governments thereof may be members; and

(b) to any organization which the Minister may by order declare to be an organization with which Malta or the Government thereof has established a contractual relationship.".

---

## Objects and Reasons

The object of this Bill is to provide for the granting of certain privileges and immunities to international organizations of which Malta is not a member but with which Malta has established or is about to establish a contractual relationship.

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni – 3, Pjazza Kastilja – *Published by the Department of Information – 3, Castille Place*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern – *Printed at the Government Printing Press*
Prezz 8c – *Price 8c*